**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 1107/2021 NC**

**Fl-Atti tar-Rikors ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2021 in segwitu tal-Ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1605/2021 fl-ismijiet:**

**Maria Lourdes Fenech**

**vs.**

**No Deposit Cars Malta Ltd**

**Digriet kamerali mogħti llum, l-Erbgħa 6 ta' April 2022**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tas-soċjeta' rikorrenti s-sekwestrata No Deposit Cars Malta Ltd ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2021 fejn talbet lil din il-Qorti s-segwenti:

*"1. tħassar u tirrevoka għal kollox il-mandat premess a tenur tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jew sussidjarjament*

*tirrevokah in parte fis-sens li tirriduċih għas-somma ta' elfejn u mitejn Euro (€2200);*

*2. tikkundanna lis-sekwestranti tħallas penali kif ikkontemplat fl-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. tikkundanna lis-sekwestranti tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-mandat premess."*

Rat id-Digriet tagħha tal-15 ta' Novembru 2021 fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lill-intimata Maria Lourdes Fenech li ġiet mogħtija żmien sebat (7) ijiem min-notifika sabiex tippreżenta Nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li tixtieq tippreżenta.

Rat ir-Risposta *ossia* n-Nota tal-intimata s-sekwestranta Maria Lourdes Fenech ippreżentata fil-25 ta' Marzu 2022 fejn oġġezzjonat għat-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1605/2021 fl-ismijiet **Maria Lourdes Fenech vs. No Deposit Cars Malta Ltd**.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- fil-31 ta' Diċembru 2020 is-soċjeta' rikorrenti No Deposit Cars Malta Ltd u l-intimata Maria Lourdes Fenech iffirmaw kuntratt ta' *hire-purchase* għall-vettura tal-għamla Mercedes GLE;

- il-prezz tal-vettura msemmija kien dak ta' mija u erbgħa u erbgħin elf Euro (€144,000) liema ammont kellu jitħallas f'pagamenti mensili ta' elf u mitejn Euro (€1,200);

- għal xi raġuni jew oħra, it-tranżazzjoni hawn fuq imsemmija ma ġietx konkluża b'mod feliċi tant li:

    - fid-9 ta' Ġunju 2021, l-intimata Fenech bagħtet ittra legali bl-avukat tagħha (Dok. "MF 6") fejn ressqet l-ilmenti tagħha lis-soċjeta' rikorrenti;

    - fit-18 ta' Ġunju 2021, l-intimata Fenech ippreżentat ittra uffiċjali (Dok. "MF 7") kontra s-soċjeta' rikorrenti No Deposit Cars Malta Ltd fejn għamlet diversi talbiet;

    - is-soċjeta' rikorrenti No Deposit Cars Malta Ltd wieġbet fl-1 ta' Lulju 2021 (Dok. "MF 8") għall-ittra uffiċjali msemmija fil-paragrafu preċedenti permezz ta' ittra uffiċjali oħra fejn is-soċjeta' rikorrenti ddiffidat lill-intimata Fenech milli tipproċedi ulterjorment u nfurmata li kienet ser iżżommha responsabbli għad-danni minħabba l-aġir tagħha;

    - sussegwentement jidher li s-soċjeta' rikorrenti No Deposit Cars Malta Ltd ippreżentat kawża fl-ismijiet **No Deposit Cars Malta Limited vs. Maria Lourdes Fenech** (Rikors Maħluf Numru 828/2021) għal liema kawża l-intimata Fenech mhux biss ippreżentat Risposta Maħlufa iżda ressqet ukoll Kontro-Talba kontra l-istess soċjeta' rikorrenti;

    - fit-28 ta' Ottubru 2021 l-intimata Fenech talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju li jkopri s-somma ta' mija u erbgħa u erbgħin elf Euro (€144,000).

**Ikkunsidrat**

Illi, kif ingħad diversi drabi fi proċeduri simili bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li f'dan l-istadju l-Qorti tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-mandat.

Illi *di fatti* fil-provvediment mogħti fid-29 ta' Lulju 2005 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat Kawtelatorju bin-Numru 494/2005 maħruġ fil-21 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart** (Rikors Numru 336/2005), il-Qorti qalet:

> "Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv."

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa sabiex teżamina t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti No Deposit Cars Malta Ltd waħda waħda.

**<u>L-Ewwel (1) Talba</u>**
Illi f'din l-ewwel talba s-soċjeta' rikorrenti titlob li jiġi mħassar u revokat għal kollox il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1605/2021 *ai termini* ta' Artikoli 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jew sussidjarament tnaqqsu għas-somma ta' elfejn u mitejn Euro (€2,200).

<u>Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>
<u>(Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv)</u>:
Illi, sabiex issostni l-argument tagħha taħt din l-kawżali, is-soċjeta' rikorrenti No Deposit Cars Malta Ltd tisħaq li:

- l-unika spejjeż li nefqet l-intimata kienu l-ħlas tad-depożitu u l-ispejjeż relatati mal-ħruġ tal-polza tal-assigurazzjoni;

- l-intimata (imkien fil-Kontro-Talba jew fil-mandat in kwistjoni) ma spjegat kif waslet għaċ-ċifra ta' oltre minn mija u erbgħin elf Euro (€140,000).

Min-naħa tagħha, l-intimata tispjega li hija kienet sejra tixtri l-vettura tal-għamla Mercedes mingħand is-soċjeta' rikorrenti sabiex tagħmel użu minnha għan-negozju li kienet bi ħsiebha tagħmel ma' Antonio Cannone. Tgħid li hija riedet timporta affarijiet tal-ikel mill-Italja, b'mod partikolari mir-reġjun tal-Puglia, u tilmenta li dan in-negozju ma setgħax jibda minħabba n-nuqqas tas-soċjeta' rikorrenti li tagħtiha l-vettura. L-intimata tispjega li hija xorta ppruvat tibda n-negozju b'dana illi ppruvaw jagħmlu użu mill-vettura ta' Antonio Cannone iżda kienet dipendenti fuq meta Cannone seta' jiġi Malta u li dan issarraf f'telf ta' flus minħabba li n-negozju falla u l-kuntratt ta' kirja tal-ħanut kellu jiġi tterminat kmieni minħabba li l-merkanzija ma setgħetx tasal.

Illi fil-provvediment mogħti fil-21 ta' Diċembru 2012 **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1655/12 fl-ismijiet Edward Vella vs. Charles Deguara** (Rikors Numru 1111/2012), il-Qorti qalet is-segwenti:

> "Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandux bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti.
>
> Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa

> xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx ta' bilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[1]."

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li għadu kemm ingħad, il-Qorti hija tal-fehma li fir-Risposta tagħha l-intimata Fenech spjegat b'mod tajjeb li ċ-ċifra li jeħtieġ tiġi kkawtelata hija ferm ogħla mill-elfejn u mitejn Euro (€2,200) li ġiet indikata mis-soċjeta' rikorrenti No Deposit Cars Malta Ltd fir-Rikors tagħha.

Illi l-Qorti hija tal-fehma wkoll li mad-daqqa t'għajn l-intimata eżekutanta Fenech għandha bażi ta' pretensjoni li trid tiġi kkawtelata. Magħdud ma' dan, il-Qorti tikkunsidra li meta wieħed ipoġġi fil-keffa tal-miżien:

- it-telf ta' profitt;
- it-telf tal-ħanut, il-kirjiet imħallsa u x-xogħlijiet imwettqa;
- il-flus li diġa' ħallset lis-soċjeta' rikorrenti;
- l-ispejjeż li l-intimata qiegħda tinkorri sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha u
- l-impossibilita' li tixtri vettura oħra minħabba l-kambjali li għad hemm *in vigore*

jirriżulta li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ma hemmx sproporzjon.

Illi għalhekk sa fejn it-talba tas-soċjeta' rikorrenti No Deposit Cars Malta Ltd hija bbażata fuq Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din ser tiġi miċħuda.

<u>Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli)</u>:

Illi sabiex issostni l-pożizzjoni tagħha, u ċioé li t-talba tagħha tinkwadra fil-kuntest ta' Artikolu 836(1)(f) in eżami, is-soċjeta' rikorrenti tressaq l-istess argumenti li ressqet taħt il-kawżali

[1] Ara, per eżempju, PA GV 6.12.1999 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Salvino Farrugia noe vs. Exalco Holdings Ltd**.

preċedenti u għalhekk, a skans ta' ripetizzjoni rigward il-fatti, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li diġa' qalet preċedentement.

Illi, fir-rigward tal-kawżali in eżami, il-Qorti tagħmel riferenza għal provvediment mogħti fil-21 ta' Diċembru 2012 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1255/2012 fl-ismijiet C & F Building Contractors Limited (C 15308) vs. Alfred Baldacchino Limited (C 10418)** (Rikors Numru 945/2012) fejn il-Qorti diversament preseduta spjegat is-segwenti:

> "Din id-dispożizzjoni timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-mandat issa m'għadux il-każ."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak appena kwotat u tagħmlu tagħha b'dan illi l-Qorti tinnota li s-soċjeta' rikorrenti ma ndikat l-ebda bidla fiċ-ċirkostanzi minn meta ntlaqa' l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* u b'hekk il-Qorti hija tal-fehma li t-talba in eżami magħmula mis-soċjeta' rikorrenti mhijiex mistħoqqa u għalhekk tali talba ser tiġi miċħuda wkoll.

**<u>It-Tieni (2) Talba</u>**
**<u>(Tikkundanna lis-sekwestranti tħallas il-penali kif ikkontemplat f'Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta)</u>:**
Illi f'din it-talba s-soċjeta' rikorrenti No Deposit Cars Malta Ltd titlob li l-Qorti timponi l-penali fuq l-intimata Fenech minħabba li t-talba tagħha kienet waħda abużiva, frivola u vessatorja u għalhekk passibbli għal penali taħt Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti mhijiex ser tinvesti wisq ħin fuq it-talba li l-mandat in eżami sar b'mod abużiv, frivolu u vessatorju. Tenut kont tar-raġunamenti magħmula aktar 'il fuq, huwa bil-wisq evidenti li din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li ngħad mis-soċjeta' rikorrenti No

Deposit Cars Malta Ltd u ċioé li l-mandat in kwistjoni sar b'mod abużiv, frivolu u vessatorju.

Illi tajjeb li jiġi mfakkar li l-imposizzjoni ta' penali hija mezz fakoltattiv li l-liġi tagħti lill-Qorti sabiex tikkastiga lil minn jabbuża mir-rimedji li jiġu mogħtija mill-istess liġi. Sabiex il-Qorti tkun f'pożizzjoni li timponi tali penali taħt l-artikolu kkwotat hija trid tkun sodisfatta li fil-verita' tali mandat inħareġ b'malizzja b'dana li jkun frivolu u vessatorju.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad aktar 'il fuq, il-Qorti hija tal-fehma li s-soċjeta' rikorrenti No Deposit Cars Malta Ltd naqset milli turi li l-mandat in kwistjoni nħareġ b'malizzja u li huwa frivolu jew vessatorju.

Għaldaqstant isegwi li anke t-tieni talba kontenuta fir-Rikors promutur ser tiġi miċħuda.

**<u>It-Tielet (3) Talba</u>**
**<u>(Spejjeż)</u>:**
Illi f'din it-talba s-soċjeta' rikorrenti No Deposit Cars Malta Ltd titlob li l-Qorti tikkundanna lill-intimata Fenech tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-mandat in kwistjoni. Il-Qorti tinnota li ladarba t-talbiet l-oħra tas-soċjeta' rikorrenti ser jiġu miċħuda, isegwi li t-talba in eżami ser tiġi miċħuda wkoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjeta' rikorrenti eżekutata No Deposit Cars Malta Ltd hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mis-soċjeta' rikorrenti eżekutata No Deposit Cars Malta Ltd.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |